L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 2 ta' Settembru 2019 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

## TAQSIMA A: IL-KOMPONIMENT

**Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti. F'dan it-taħriġ trid turi l-kreattività u l-ħila tat-tifsir tal-ħsieb bl-ordni, b'mod ċar, u bi stil idjomatiku.**

1. Il-bniedem għarkupptejh quddiem il-mard terminali.
2. L-umoriżmu niħduh bis-serjetà wisq?
3. Is-sabiħ tal-ħajja.
4. Kieku kelli nilbes skont il-moda.
5. Fil-ħajja taż-żgħażagħ, il-ġenituri u l-ħbieb jikkumplimentaw lil xulxin?

**(Total: 15-il marka)**

## TAQSIMA B: TRADUZZJONI

**Aqleb għall-Malti din is-silta:**

Ever since the discovery of fire and the invention of the wheel, man has always sought to dominate the world by using his intelligence and improving the technology he uses in every sphere of life. In the past 200 years there has been much progress. Man managed to fulfill his dream to fly, to develop atomic energy and the technology of computers and artificial intelligence. The increasingly fast pace of technological development has led some to warn that situations such as those shown in films like *The Matrix*, *The Terminator* and *Blade Runner* will eventually become real.

(Addattata minn *Is Man technology's master or slave? – https://www.timesofmalta.com*)

**(Total: 5 marki)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA MALTIJA

**Agħżel mistoqsija WAĦDA:**

1. Tkellem dwar is-sitwazzjoni lingwistika f'Malta fil-preżent. F'dan il-kuntest, x'taħseb li huma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li wieħed ikun bilingwi f'pajjiżna? Agħti eżempji prattiċi biex issaħħaħ l-argumenti tiegħek.

2. Iddiskuti b'eżempji xierqa kif matul iż-żmien, l-element Għarbi fil-Malti mhux biss twaħħad u tħallat mal-element Sqalli-Taljan u Ingliż fuq livell lessikali imma wkoll fuq livell grammatikali.

**(Total: 10 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 3 ta' Settembru 2019 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.

**TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TAS-SEKLU XX**

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet. Irreferi għal poeti u poeżiji magħżula b'mod bilanċjat mis-seklu għoxrin kollu.**

1. Mill-poeżiji mnebbħin mit-tema ta' Malta, toħroġ sikwit definizzjoni ta' min huma l-Maltin bħala poplu. Iddiskuti b'referenza għal poeżiji Romantiċi u Moderni f'*Il-Poeżija Maltija*.

2. Fil-poeżiji li jirrakkontaw ir-relazzjonijiet umani f'*Il-Poeżija Maltija*, il-poeti Romantiċi u Moderni jinqdew bi stili differenti biex iwasslu l-emozzjonijiet tagħhom. Iddiskuti.

**(Total: 10 marki)**

**TAQSIMA B: MONOGRAFIJI POETIĊI**

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet.**

1. Għadd ta' poeżiji ta' Maria Grech Ganado f'*Monografija* jitkellmu dwar nisa differenti bl-individwalità tagħhom, minn tfajliet sa ommijiet. Iddiskuti.

2. Il-poeżija ta' Maria Grech Ganado f'*Monografija* titkellem dwar il-mogħdrija u s-solidarjetà li l-poetessa temmen li għandu jkun hemm bejn il-bnedmin. Iddiskuti.

3. Ikteb fuq il-vjaġġ tal-bniedem fil-ħajja kif jirrappreżentah Pawlu Aquilina fil-poeżiji tiegħu f'*Monografija*.

4. Fil-poeżiji tiegħu f'*Monografija*, Pawlu Aquilina jinqeda kemm-il darba bix-xbieha tad-dawl. Ikteb dwar il-mod kif jużaha f'kuntesti differenti.

**(Total: 10 marki)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: IL-KRITIKA LETTERARJA (POEŻIJA)**

**Agħżel WAĦDA minn dawn iż-żewġ poeżiji.**

**Agħmel stħarriġ kritiku fit-tul u bir-reqqa tal-poeżija li tagħżel, skont ix-xejriet tematiċi u stilistiċi tagħha. Analizza l-poeżija fiha nfisha bħala xogħol sħiħ, daqskemm biċċa biċċa bħala ġabra ta' elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lill-unità tal-poeżija, lill-metrika, lit-tqassim tal-istrofi, lix-xejriet tal-frażjoloġija, lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, fosthom il-metafori, u lill-għażla tal-kliem.**

1.

**Fjura**

Kuljum taqta' fjura
fit-triq lura d-dar
mill-iskola.
Anzi, waħda għalija
u oħra għal oħtok.

Illum,
ġol-bjuda safranija tal-fjuri,
erġajt ilmaħt
għajnejk jiżfnu.
Rajtek tpoġġi bilqiegħda,
taqla' l-petali
bil-galbu
waħda wara l-oħra,
tħares lejja,
bi tbissima tiddi fuq wiċċek
u tgħidli,
ma,
il-fjura
issa
għarwiena.

Elizabeth Grech

(Minn *Bejn baħar u baħar*)

**JEW**

2.

**Rogħda**

Ir-rogħda tal-ġisem
Ir-rogħda tal-pjaneti
Ir-rogħda tal-ġebel fuq il-mera
ilma
Ir-rogħda tal-insetti
Ir-rogħda tal-kuluri
Ir-rogħda fl-imħabba
Għandi lapes u jikteb
rogħda tixbah lir-rota
ir-rota tal-imħabba
tinten u tiċċaqlaq b'rogħda

Fil-kantunieri tal-moħħ
ir-rogħda riħ sħun
ħiereġ mit-tarmak t'ismek

Rogħda nobogħdok
nixorbok
inwelldek
titwieled
ma nifilħekx
hekk dritta
fil-vini...........
li ma jistgħux jiddrittaw
dak li hu mgħawweġ

Charlie Grima

(Minn *Rota Roża*)

**(Total: 10 marki)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | III |
| DATA: | 4 ta' Settembru 2019 |
| ĦIN: | mild-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb kull mistoqsija b'rabta sħiħa mat-test.

**TAQSIMA A: ID-DRAMA**

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:**

1. Marco Galea jistqarr li meta fid-dramm *Qabel tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant "niltaqgħu mal-ħares, jew l-iħirsa, ta' Andrea, jirnexxilna nsiru nafu x'kien għaddej minn moħħu fil-mumenti ta' qabel spara għal rasu." Kif jiġri dan? X'hemm f'Andrea I u Andrea II li jispjegalna l-kunflitt ġewwieni f'dan il-karattru ewlieni?

2. *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant huwa dramm politiku. X'inhuma l-ideat ewlenin li jipproponi dwar id-dinja tal-politiċi li jitkellem fuqhom?

3. B'*Menz*, Francis Ebejer qiegħed isaħħaħ il-prinċipju tal-libertà tal-bniedem. Minkejja li jidher bħala bniedem ġwejjed, Menz qiegħed jiġġieled għall-identità tiegħu. Iddiskuti.

4. F'*Menz*, Francis Ebejer huwa interessat l-aktar fid-dinja ġewwiena tal-karattru. Menz huwa adult marbut ħafna mal-imgħoddi. Iddiskuti lil dan il-persunaġġ skont il-qagħda ġewwiena tiegħu.

**(Total: 10 marki)**

**TAQSIMA B: IN-NARRATTIVA**

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:**

1. F'*Ħala taż-Żgħożija u Stejjer Oħra* Lino Spiteri jidher li qiegħed jagħżel għadd ta' karattri mill-kuntest soċjali, ipinġihom skont xejriet ewlenin tagħhom, u bis-saħħa tagħhom joffri kwadru ta' Malta. Iddiskuti.

2. Iddiskuti kif f'*Ħala taż-Żgħożija u Stejjer Oħra*, Lino Spiteri jinqeda bi stil ta' rakkontar li jsarraf ir-rakkont fi kwadru morali. Iddiskuti.

3. Iddiskuti kif ir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* iwassal it-tensjoni bejn il-karattru ewlieni u r-raħal, jiġifieri bejn il-wieħed u l-ħafna.

4. F'*Leli ta' Ħaż-Żgħir*, Ġużè Ellul Mercer jibni rumanz sħiħ fuq il-personalità ta' karattru wieħed li jorbot flimkien il-partijiet differenti tar-rakkont. Iddiskuti.

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: IL-KRITIKA LETTERARJA (PROŻA)**

**Agħmel analiżi kritika dettaljata ta' WAĦDA minn dawn iż-żewġ siltiet ta' proża.**

**F'dan it-taħriġ tagħmilx taqsira tas-silta magħżula. Is-silta ta' proża trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-binja sintattika tas-sentenzi, lit-tonalità, lir-ritmu li fiha, lill-għażla tal-kliem, u lil kulma jirrendiha letterarja.**

Silta 1.

"Tommy ma kienx ħa gost bija meta sar jaf li K. Penza kienet oħti."

"Kif taf?"

"Naf."

"Imma kif?"

"Ċerti affarijiet tħosshom."

"Taf jew ma tafx?"

"Tinduna bihom. Ixxommhom."

"Jiġifieri mhux qed tivvintaha int din."

"Le, Amanda ħi. Indunajt minn kif kien iħares lejja, minn kif kien ikellimni b'għajnejh."

"Kif?"

"X'jiġifieri kif? Tommy ta' qattagħni. Għandek amment kif ikun xi ħadd bully? Xi ħadd li jagħmel it-triq kollha tiegħu? Xi ħadd li ma tistax ixxellifha miegħu?"

"Ma nafx, m'iniex ċerta."

Waqaft nibża' dakinhar li tfaċċaw żewġ kuntistabbli quddiem il-bieb tiegħi fi Triq Kromb il-Baħar. Ma qalulix inpoġġi bilqiegħda. Ma qalulix li għandhom aħbarijiet koroh. Weġibt għal kollox bil-kalma. "Is-Sinjura Emma Barbara?" "Iva." "Tippermettilna nistaqsuk ftit mistoqsijiet?" "Mela le." "Dwar Tommy Grech, jekk jogħġbok, Sinjura." "Mela le, għaddu." "Ilek ma tarah lis-Sur Grech?" "Iva, ilni ftit. Tgħidx kemm hi inkwetata Ġina." "Qatt rajt lil xi wiċċ ġdid hawnhekk?" "Le, sa fejn naf jien." "Qalulna li tmur timxi filgħodu kmieni lejn il-Wied." "Kważi kuljum immur. M'hemmx li nneħħi dis-sonza." "Qatt ma rajt lil xi ħadd suspettuż?" "Ma jidhirlix Sir, le." "Jekk tiftakar xi ħaġa Sinjura ..." "Mela le." Kont naf eżatt kif kelli nwieġeb. Niżżlu kollox, kull dettall. Irringrazzjawni tal-koperazzjoni u sellmuli. Tbissimtilhom u għedtilhom biex jerġgħu jgħaddu. Għalaqt il-bieb bil-kalma u dħalt fil-kċina, fejn kien hemm John qed jaqra. Poġġejt ħdejh, fuq is-sufan, ħadt nifs 'il ġewwa u għedtlu, "Issa l-biża' kollu li għandi se jitlaq għalkollox." Għannaqni miegħu u qam jagħmilli kikkra te.

"Jiġifieri anki John kompliċi?"

"John raġel tajjeb; xi darba llaqqgħek miegħu, Amanda."

Clare Azzopardi
(Minn *Castillo*)

**JEW**

Silta 2.

Lejn tmiem Frar ħarġet xemx sabiħa. Int miexi quddiemna. Fuq ramel mimli alka u zkuk. Il-bajja kienet miksija bil-bram mejjet. Rajtek tniffed waħda ħoxna b'zokk, tqandilha mdendla mat-tarf ħa turihieli. Biċċa ġelatina rożakannella. Għedtlek jaqq u tbissimt. Waħda minn dawk ir-raritajiet – int titbissem. Wiċċek, bħas-soltu, nofsu mgħotti b'nuċċali iswed. Rasek, bħas-soltu, tħares 'l isfel. Int dejjem tħares 'l isfel. Rasek qatt ma tgħolliha 'l fuq. Il-mixja, bħas-soltu, stramba: donnok titbandal, donnok timmolla, donnok ... zopp. Timxi stramb int, papinku, taf? Ara jien, jien niġri ma' kullimkien, naqbad il-ġebel u nixħtu fil-baħar. Ninkih bil-gebel. Ġebla wara ġebla. Ċagħak li tela' jistrieħ mill-kurrenti t'Għajn Tuffieħa. Imbagħad tpoġġi bilqiegħda fuq naqra ta' blata. Dejjem bilqiegħda int. Il-maminka toħroġli l-pala, il-barmil tal-plastik, u tinżel għarkupptejha fuq ir-ramel, maġenbi, tħaffer ir-ramel u jien nimla l-barmil. U int hemm, bilqiegħda waħdek. Mhux magħna. Waħdek. Irrid nibni kastell kbir. Irrid nibni wieħed kbir ħafna. U nballat ir-ramel fil-barmil bil-pala safra bl-aħdar. U ssejjaħli biex teħodli ritratt imma jien moħħni fil-kastell mhux fir-ritratti. Tiġbed ir-ritratti. Wieħed f'wieħed. Irrid nibni dal-kastell ħalli nieħu gost inġarrfu. Imbagħad, proprju jien u llesti l-kastell, tqum u timxi 'l hemm. Waħdek. Erba' passi 'l bogħod minn fejn tazzarda titla' r-ragħwa. Issejjaħli u niġi ħdejk u b'zokk mejjet f'idek narak tnaqqax kaxxa fuq ir-ramel artab mimli bram bla ħajja. Ara l-kaxxa, tgħidli. Issa ħa nistennew il-baħar jersaq. U l-baħar jersaq u meta jirtira ninduna li l-kaxxa sparixxiet.

Immanuel Mifsud
(Minn *Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)*)

**(Total: 10 marki)**